

Suġġett

Appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla), tat-12 ta' Settembru 2007, Phillip Morris Products vs UASI (T-140/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors imressaq mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Frar 2006, li tikkonċerna l-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni, bħala trade mark Komunitarja, tal-forma ta' pakkett ta' sigaretti — Ksur ta' l-Artikoli 4 u 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1) — Karattru distintiv ta' forma tridimensjonali — Mezzi ta' espressjoni ta' din il-forma u mument li fih din għandha tiġi evalwata.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Phillip Morris Products hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 22, 26.1.2008.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ġunju 2008 — US Steel Košice s.r.o. vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-6/08 P) (¹)

(Appell — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra — Prevenzjoni u kontroll integrat tat-tniġġis — Repubblika Slovakkja — Att ta' adeżjoni — Allokazzjoni ta' kwoti — Perijodu 2008-2012 — Kundizzjonijiet — Effett dirett — Inammissibbiltà)

(2008/C 285/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: US Steel Košice s.r.o. (rappreżentanti: C. Thomas, Solicitor, E. Vermulst, advocaat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: U. Wölker u D. Lawunmi, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat mid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tal-1 ta' Ottubru 2007, U.S. Steel Košice s.r.o. vs Il-

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (T-27/07), li jiċhađ bħala inammissibbli rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2006, dwar skema nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikata mill-Gvern Slovakk għall-perijodu bejn l-2008 u l-2012, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, p. 32) — Persuni fiżiċi jew legali — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Effett dirett — Kriterji

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) US Steel Košice s.r.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 64, 8.3.2008.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-19 ta' Ġunju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich — L-Awstrija) — Marc André Kurt vs Bürgermeister der Stadt Wels

(Kawża C-104/08) (¹)

(Artikoli 92(1) u 104 (3) tar-Regoli tal-Proċedura — Libertajiet fundamentali — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Kundizzjoni ta' diploma prevista permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-għoti ta' liċenzja għal operazzjoni ta' skola tas-sewqan — Diskriminazzjoni taċ-ċittadini ta' Stat Membru fil-konfront ta' ċittadini minn Stat Membru ieħor)

(2008/C 285/22)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Marc André Kurt

Konvenut: Bürgermeister der Stadt Wels